# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Ottubru 2013

## li temenda Parti 1 tal-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE dwar il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-annimali minn azjendi

*(notifikata bid-dokument C(2013) 6719)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/518/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 22 tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/65/KEE jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jrid ikun hemm konformità magħhom sabiex il-klieb, il-qtates u l-inmsa jkunu oġġett ta' kummerċ fl-Unjoni. Dan jistipula, *inter alia*, li dawn l-annimali għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-moviment mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ([2]).

(2) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistipula *inter alia* li dawn l-annimali jridu jkunu akkumpanjati minn dokument ta' identifikazzjoni fil-format ta' passaport skont il-mudell li se jiġi adottat mill-Kummissjoni. Il-mudell għal dak il-passaport huwa stabbilit fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 ta' 28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti ta' identifikazzjoni mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, it-twaqqif ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u r-rekwiżiti ta' format, ta' tqassim tal-paġna u ta' lingwa tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kondizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(3) L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistipula li l-Istati Membri jistgħu taħt ċerti kondizzjonijiet jawtorizzaw il-moviment mhux kummerċjali fit-territorju tagħhom minn Stati Membri oħra ta' klieb, qtates u inmsa ta' età żgħira li ma jkunux ġew vaċċinati kontra l-idrofobija, jew li huma vaċċinati iżda jkunu għadhom ma kisbux immunità protettiva kontra din il-marda. Meta jawtorizzaw moviment bħal dan, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-pubbliku permezz ta' paġni tal-Internet li magħhom tkun marbuta l-paġna tal-Internet tal-Kummissjoni li tista' tintuża għal finijiet ta' kummerċ.

(4) Barra minn hekk, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/65/KEE jistipula li l-klieb, il-qtates u l-inmsa għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa li jikkorrispondi għall-mudell fil-Parti 1 tal-Anness E tagħha.

(5) Wara r-revoka tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ([4]) bir-Regolament (UE) Nru 576/2013, jeħtieġ li jiġi emendat il-mudell ta' dak iċ-ċertifikat ta' saħħa sabiex ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 998/2003 jinbidlu bir-referenzi għar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

(6) Iċ-ċertifikat tas-saħħa stipulat fil-Parti 1 tal-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE jqis ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 388/2010 tas-6 ta' Mejju 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-numru massimu ta' annimali domestiċi ta' ċerti speċji li jistgħu jkunu s-suġġetti ta' moviment mhux kummerċjali ([5]) li jistipula li r-rekwiżiti u l-verifiki stipulati fid-Direttiva 92/65/KEE japplikaw għal meta iktar minn ħames annimali domestiċi jinġarru minn Stat Membru għall-ieħor jew minn pajjiż terz elenkat fit-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

(7) Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 388/2010 ġew riveduti u inklużi fir-Regolament (UE) Nru 576/2013. Ir-referenzi għar-Regolament (UE) Nru 388/2010 fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stipulat fil-Parti 1 tal-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE għandhom għalhekk jitħassru.

(8) Id-Direttiva 92/65/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(9) Sabiex jiġi evitat kull tip ta' taqlib fil-kummerċ, l-użu ta' ċertifikati tas-saħħa maħruġa skont il-Parti 1 tal-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE, qabel id-data ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandu jiġi awtorizzat matul perjodu tranżitorju suġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

([1]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
([2]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109.
([4]) ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.
([5]) ĠU L 114, 7.5.2010, p. 3.

(10) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Parti 1 tal-Anness E tad-Deċiżjoni 92/65/KEE tinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Għal perjodu tranżitorju sad-29 ta' April 2015, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-kummerċ fil-klieb, il-qtates u l-inmsa minn aġenziji akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa maħruġ mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2014 skont il-mudell stipulat fil-Parti 1 tal-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE fil-verżjoni tagħha ta' qabel l-emendi introdotti b'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-29 ta' Diċembru 2014.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**"Parti 1 — Ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ fl-annimali minn azjendi (ungulati, tjur vaċċinati kontra l-influwenza tat-tjur, lagomorfi, klieb, qtates u inmsa) 92/65 EI**

**L-UNJONI EWROPEA** **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata**

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat

I.2.a. Nru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6. Nru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati — Nru/i ta' dokumenti li jakkumpanjawhom

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO

I.9. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.11. Reġjun ta' destinazzjoni — Kodiċi

I.12. Pajjiż ta' oriġini
Azjenda ☐
Isem — In-numru ta' reġistrazzjoni/approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Azjenda ☐ Stabbiliment ☐ Entità approvata ☐
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14. Post ta' tagħbija
Kodiċi Postali

I.15. Data u ħin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Bil-baħar ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi NM)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:
Trobbija ☐ Produzzjoni ☐ Riproduzzjoni artifiċjali ☐ Qtil ☐ Pets ☐ Entità approvata ☐

I.26. Tranżitu minn ġo pajjiz terz ☐
Pajjiż terz — Kodiċi ISO
Post ta' ħruġ — Kodiċi
Post ta' dħul — Nru tal-BIP

I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri ☐
Stat Membru — Kodiċi ISO
Stat Membru — Kodiċi ISO
Stat Membru — Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż terz — Kodiċi ISO
Post ta' ħruġ — Kodiċi

I.29. Stima tal-ħin tal-vjaġġ

I.30. Pjan tar-rotta
Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (Isem xjentifiku) | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Numru tal-passaport | Sess | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

**L-UNJONI EWROPEA**

**92/65 EI Annimali minn azjendi (ungulati, tjur (2), lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

Jiena, hawn taħt iffirmat, veterinarju uffiċjali (1)/veterinarju responsabbli mill-azjenda tal-oriġini u approvat mill-awtorità kompetenti (1) niċċertifika li:

II.1. l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.31 jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u fil-mument tal-ispezzjoni kienu b'saħħithom biżżejjed biex jiġu trasportati fuq il-vjaġġ intenzjonat, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005.

(1) *jew* [II.2. l-annimal(i) li jixtarr(u) (1)/Suidae (1) għajr dak/dawk kopert/i bid-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE (1) jew bid-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE (1)

(a) jappartjeni(jappartjenu) lill-ispeċi .......................................................... ;

(b) fil-waqt tal-eżami, ma jurux(ma jurix) xi sinjal kliniku ta' xi mard li għalih huwa/huma suxxettibbli;

(c) ġej(ġejjin) minn merħla (1)/azjenda (1) li hija uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi (1)/uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (1) jew minn merħla/azjenda ħielsa mill-bruċellożi (1) li mhix suġġetta għar-restrizzjonijiet tal-marda tal-ħnieżer jew minn azjenda fejn kien(u) suġġett(i) b'riżultati negattivi għat-test(ijiet) stipulati fl-Artikolu 6(2)(b) (1)/it-test stipulat fl-Artikolu 6(3)(d) (1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.]

(1) (2) *jew* [II.2. it-tjur għajr dawk imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE

(a) fil-waqt tal-eżami ma jurux xi sinjal kliniku ta' xi mard li għalih huma suxxettibbli;

(b) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE;

(c) jikkonformaw mad-Deċiżjoni 2007/598/KE u ġew vaċċinati kontra l-influwenza tat-tjur nhar .......................... (*data*) bil-vaċċin ...................... (*isem*) u ġejjin minn azjenda li fiha twettqet il-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza tat-tjur matul l-aħħar 12-il xahar.]

(1) *jew* [II.2. il-lagomorfi

(a) fil-waqt tal-eżami ma jurux xi sinjal kliniku ta' xi mard li għalih huma suxxettibbli;

(b) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.]

(1) *jew* [II.2. il-klieb

(a) fil-waqt tal-eżami minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ, ma wrew l-ebda sinjali ta' mard;

(b) huma mmarkati skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(1) *jew* [(c) kellhom tal-inqas 12-il ġimgħa meta ġew vaċċinati kontra l-idrofobija u jkunu għaddew tal-inqas 21 jum wara li tkun tlestiet il-vaċċinazzjoni primarja kontra l-idrofobija mwettqa skont ir-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kull rivaċċinazzjoni sussegwenti tkun saret fi żmien il-perjodu ta' validità tal-vaċċinazzjoni preċedenti];

(1) *jew* [(c) għandhom anqas minn 12-il ġimgħa u ma ġewx vaċċinati kontra l-idrofobija, jew għandhom bejn 12 u 16-il ġimgħa u ġew vaċċinati kontra l-idrofobija, iżda ma għaddewx mill-anqas 21 jum mit-tlestija tal-vaċċinazzjoni primarja kontra l-idrofobija mwettqa bi qbil mar-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u

(i) l-Istat Membru ta' destinazzjoni infurma l-pubbliku skont il-punt (b) tal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huwa jawtorizza l-moviment ta' dawn l-annimali fit-territorju tiegħu; u huma akkumpanjati minn

(1) *jew* [(ii) dikjarazzjoni tas-sid (3), mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat, li tistqarr li mit-twelid sal-ħin tat-tluq l-annimali ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali salvaġġi ta' speċijiet suxxettibbli għall-idrofobija];

(1) *jew* [(ii) ommhom, li għadhom jiddependu fuqha, u mill-passaport ta' ommhom, jista' jiġi stabbilit li l-omm ġiet vaċċinati kontra l-idrofobija qabel twelidhom liema vaċċinazzjoni kienet konformi mar-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill];

**L-UNJONI EWROPEA** **92/65 EI Annimali minn azjendi (ungulati, tjur (2), lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

(d) huma akkumpanjati minn passaport imħejji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013];

(1) *u* [(e) minħabba d-destinazzjoni skedata tagħhom indikata fil-Kaxxa I.10, jew fil-Kaxxa I.11 fejn jiġi applikat il-konfinament, ġew ittrattati kontra l-*Echinococcus multilocularis* skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011.]];

(1) *jew* [II.2. il-qtates (1)/inmsa (1)

(a) fil-waqt tal-eżami minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ, ma wrew l-ebda sinjali ta' mard;

(b) huma mmarkati skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(1) *jew* [(c) kellhom tal-inqas 12-il ġimgħa meta ġew vaċċinati kontra l-idrofobija u jkunu għaddew tal-inqas 21 jum wara li tkun tlestiet il-vaċċinazzjoni primarja kontra l-idrofobija mwettqa skont ir-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kull rivaċċinazzjoni sussegwenti tkun saret fi żmien il-perjodu ta' validità tal-vaċċinazzjoni preċedenti];

(1) *jew* [(c) għandhom anqas minn 12-il ġimgħa u ma ġewx vaċċinati kontra l-idrofobija, jew għandhom bejn 12 u 16-il ġimgħa u ġew vaċċinati kontra l-idrofobija, iżda ma għaddewx mill-anqas 21 jum mit-tlestija tal-vaċċinazzjoni primarja kontra l-idrofobja mwettqa bi qbil mar-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u

(i) l-Istat Membru ta' destinazzjoni infurma lill-pubbliku skont il-punt (b) tal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huwa jawtorizza l-moviment ta' dawn l-annimali fit-territorju tiegħu; kif ukoll u huma akkumpanjati minn

(1) *jew* [(ii) dikjarazzjoni tas-sid (3), mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat, li tistqarr li mit-twelid sal-ħin tat-tluq l-annimali ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali salvaġġi ta' speċijiet suxxettibbli għall-idrofobija];

(1) *jew* [(ii) ommhom, li għadhom jiddependu fuqha, u mill-passaport ta' ommhom, jista' jiġi stabbilit li l-omm ġiet vaċċinata kontra l-idrofobija qabel twelidhom liema vaċċinazzjoni kienet konformi mar-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]];

(d) huma akkumpanjati minn passaport imħejji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.]

(1) *jew* [II.2. il-klieb (1)/qtates (1)/inmsa (1) huma ddestinati għal korp, istitut jew ċentru kif deskrit fil-Kaxxa I.13 approvat skont l-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, u

(a) fil-waqt tal-eżami minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ, ma wrew l-ebda sinjali ta' mard;

(b) huma mmarkati skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(c) huma akkumpanjati minn passaport imħejji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.]

II.3. Il-garanziji addizzjonali fir-rigward tal-mard elenkat fl-Anness B(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE huma kif ġej: (1)

| | |
|---|---|
| Marda | Deċiżjoni |
| Marda | Deċiżjoni |
| Marda | Deċiżjoni |

**Noti**

**Parti I:**

Kaxxa I.6. Nru/Nri ta' dokumenti ta' akkumpanjament: CITES, jekk applikabbli.

Kaxxa I.19. Uża l-kodiċi rilevanti NM: 01.06.19, 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39.

Kaxxa I.31. *Sistema ta' identifikazzjoni*: l-identifikazzjoni individwali għandha tiġi użata kulfejn hu possibbli iżda fil-każ ta' annimali żgħar, tista' tintuża l-identifikazzjoni tal-grupp. Fil-każ ta' klieb, qtates u inmsa, agħżel il-passaport.

*Numru ta' identifikazzjoni:* fil-każ ta' klieb, qtates u inmsa, indika l-kodiċi alfanumerika tat-tatwaġġ jew it-transponder.

*Numru tal-passaport*: fil-każ ta' klieb, qtates u inmsa, indika l-kodiċi alfanumerika tal-passaport.

| L-UNJONI EWROPEA | 92/65 EI | Annimali minn azjendi (ungulati, tjur (2), lagomorfi, klieb, qtates u inmsa) |
|---|---|---|

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II:**

(1) Ħassar fejn hemm bżonn.

(2) Ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni japplikaw biss għal tjur li jkunu ġew vaċċinati kontra l-influwenza tat-tjur skont pjan ta' vaċċinazzjoni preventiva approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/598/KE.

(3) Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt II.2 li trid tinthemeż maċ-ċertifikat għandha titfassal skont l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.

(4) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji addizzjonali taħt il-leġislazzjoni tal-Unjoni.

Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-firma tal-veterinarju uffiċjali jew tal-veterinarju responsabbli għall-ażjenda ta' oriġini u huwa approvat mill-awtorità kompetenti.

Veterinarju uffiċjali

| | |
|---|---|
| Isem (b'ittri kapitali): | Kwalifika u titlu: |
| Unità veterinarja lokali: | Nru tal-LVU: |
| Data: | Firma: |
| Timbru:" | |